# QORTI KRIMINALI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Sfida Nru **1/2023/3**

## YORGEN FENECH

**vs**

## KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar appell intavolat mir-rikorrent sfidant minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata ħmistax (15) ta' Frar 2023, illi permezz tagħha ċaħdet talba magħmula mir-rikorrent sfidant sabiex il-Qorti tordna lill-Pulizija sabiex jitmexxew il-proċeduri meħtieġa kontra Melvin Theuma għar-reati kontemplati fl-Artikoli 104, 105 u 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors maħluf preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2021, ir-rikorrent sfidant l-appellant **Yorgen Fenech** sostna illi Melvin Theuma, wieħed mix-xhieda ewlenin fi proċeduri meħuda kontra tiegħu, ma qalx il-verita' u l-verita' kollha. Fenech allega illi seta' kien hemm ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 104, 105 u 108 tal-Kodiċi Kriminali, cioe allega illi Theuma kkommetta r-reat ta' sperġur u ta' ġurament falz. Għaldaqstant, huwa talab lill-Qorti:

> *[S]abiex wara li tisma' lir-rikorrent u lill-Kummissarju tal-Pulizija u ssib li hemm prima facie lok għall-kwerela, hija tordna lill-Pulizija sabiex tmexxi l-proċeduri meħtieġa kontra Melvin Theuma (KI 144578M) għar-reati kontemplati fl-Artikoli 104, 105 u 108 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. B'deċiżjoni mogħtija nhar il-ħmistax (15) ta' Frar 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddeċidiet kif isegwi:

> *Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi r-rikors maħluf tar-rikorrenti billi **tiċħdu** fis-sħiħ u tiddikjara li f'dan l-istadju ma hemmx prima faciae lok għall-kwerela mertu ta' dan il-każ fil-konfront ta' Melvin Theuma.*

4. B'rikors datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2023, ir-rikorrent sfidant appellant talab lil din il-Qorti sabiex

> *[T]ħassar u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-15 ta' Frar 2023 fl-ismijiet <u>Yorgen Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija</u> fil-parti fejn sabet li l-Kummissarju tal-Pulizija*

> *kellu raġun ma jeżerċitax l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' Melvin Theuma għar-reat kontemplat fl-Artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali u minflok tordna l-Kummissarju tal-Pulizija jistitwixxi proċeduri kriminali kontra Melvin Theuma għar-reat ta' ġurament falz*

5. **Dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta fid-dsatax (19) ta' Mejju 2023 b'*Assenjazzjoni ta' Kawża wara Astensjoni jew Rikuża* mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti**.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti;

7. Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula *viva-voce* mill-partijiet waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2023;

8. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

**A. <u>Il-Fatti illi wasslu għall-Appell Odjern</u>**

10. Ir-rikorrent sfidant qiegħed jappella, fit-termini tal-Artikolu 541(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn it-talba tiegħu sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jmexxi kontra ċertu Melvin Theuma għar-reati ta' sperġur u ġurament falz kif ikkontemplati fl-Artikoli 104 u 105, u 108 tal-Kodiċi Kriminali, ġiet miċħuda;

11. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jispjega illi Melvin Theuma huwa persuna illi ngħata proklama mill-President ta' Malta sabiex jixhed il-verita' u l-verita' kollha, u infatti xehed diversi drabi quddiem diversi Qrati u Maġistrati Inkwerenti. Permezz ta' kwerela ppreżentata fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2022, l-appellant sfidant talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jieħu passi kontra Theuma għar-reat ta' ġurament falz u sperġur fis-segwenti istanzi:

    i. Fir-rigward ta' ġurament falz in kwantu x-xhieda mogħtija quddiem il-Maġistrat Neville Camilleri fl-inkjesta maġisterjali 762/2017 meta mqabbla ma' dak li jinstema' jgħid Theuma fir-recordings tiegħu ma' ċertu Johann Cremona; u

    ii. Fir-rigward ta' sperġur in kwantu xhieda mogħtija fil-mori tal-proċeduri ta' kumpilazzjoni fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech*, *Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degiorgio et* u *Il-Pulizija vs Robert Agius et*;

    Nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru 2021, il-Pulizija informat lill-appellant illi ma kinitx ser tieħu passi kontra Theuma peress illi l-proċeduri jinsabu pendenti. Kien dan illi wasslu sabiex jistitwixxi proċeduri ta' sfida fit-termini tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, illi wasslu sabiex, fil-ħmistax (15) ta' Frar 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali rriteniet illi peress illi l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, Theuma għadu ma ġiex kontro-eżaminat, u jista' permezz ta' ritrattazzjoni jew korrezzjoni jibdel jew ivarja parti mix-xhieda tiegħu, it-talba tar-rikorrent sfidant ma setgħetx tintlaqa';

12. Ir-rikorrent sfidant intavola l-appell odjern minn din id-deċiżjoni, iżda jagħmilha ċara illi filwaqt illi huwa ma kienx qiegħed jaqbel mal-parti tad-deċiżjoni fejn il-Qorti ddisponiet mill-vertenza konnessa mar-reat ta' sperġur, <u>huwa kien ser jillimita l-proċeduri odjerni fi stadju t'appell għall-partitjiet tad-deċiżjoni fejn l-Ewwel Qorti ddisponiet, o meno, rigward it-</u>

talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu passi kontra Theuma għar-reat ta' ġurament falz kontemplat fl-Artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali;

**B. L-Aggravju tal-Appellant**

13. L-aggravju tal-appellant huwa essenzjalment wieħed, u cioe illi l-ewwel Qorti tat deċiżjoni fuq il-kwerela rigward ir-reat tas-sperġur u injorat ir-reat distint tal-ġurament falz kontemplat fl-Artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa jsostni illi l-kwerela tal-appellant inkludiet ir-reat ta' ġurament falz minħabba x-xhieda ta' Melvin Theuma fl-Inkjesta Maġisterjali 762/2017, u r-reat ta' sperġur minħabba x-xhieda ta' Melvin Theuma fit-tliet kumpilazzjonijiet. Għaldaqstant jgħid illi, kuntrarjament għal dak illi kkonkludiet il-Qorti f'paġna 19 tad-deċiżjoni, fattwalment l-akkużi m'humiex alternattivi, iżda differenti. L-appellant jispjega illi d-distinzjoni hija fl-użu tal-kliem *proċeduri kriminali* fl-Artikoli 104 u 105 tal-Kap 9, liema kliem huwa nieqes mill-Artikolu 108 tal-Kap 9 u għalhekk jirrendi l-Artikolu 108 applikabbli għal każijiet fejn jittieħed ġurament falz illi ma jkunx fl-ambitu ta' *proċeduri kriminali*;

14. L-appellant jgħid illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet illi kemm-il darba jerġa' jixhed Melvin Theuma, huwa jista', permezz ta' ritrattazzjoni jew korrezzjoni jibdel jew ivarja parti mix-xhieda tiegħu stess, stante illi t-teorija ta' ritrattazzjoni ma ssib ebda applikazzjoni għar-reat ta' ġurament falz. Isostni illi, fit-termini tal-Artikolu 541 tal-Kap 9, dmir il-Qorti huwa li tara jekk kienx hemm każ *prima facie* għal kwerela, u cioe, f'dan il-każ, għal proċeduri ta' ġurament falz kontra Theuma għal dak li xehed dwaru fl-Inkjesta Maġisterjali. L-appellant jallega illi l-Pulizija naqset milli tinvestiga r-reat ta' ġuemant falz, u strieħet fuq id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali illi għandha tistenna l-konklużjoni tal-proċeduri kriminali peress illi Theuma jista' jirrikorri għad-dritt ta' ritrattazzjoni. Madanakollu, l-appellant jikkontendi illi ġialadarba r-reat ta' ġurament falz ġie allegatament kunsmat fil-mument li ntqalet il-falsita' fl-inkjesta, il-Pulizija kellha l-obbligu illi tinvestiga, u mhux tistrieħ fuq il-pendenzi proċedurali u ritrattazzjoni.

## C. <u>Ir-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>

15. Fir-risposta tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija jisħaq illi fir-risposta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2021, ġie delineat illi r-raġuni prinċipali għalfejn ittieħdet id-deċiżjoni illi ma jitressaqx Melvin Theuma hija għaliex il-kawżi li xehed fihom kienu għadhom kollha *sub-judice*. Il-Kummissarju għalhekk ma qalx li ma kienx hemm każ *prima facie*, iżda illi ma jkunx għaqli li jittieħdu proċeduri fil-konfront ta' Melvin Theuma fi stadju tal-kawża meta kienu għadhom iridu jiġu preżentati l-provi, inkluż ix-xhud Melvin Theuma, quddiem ġurija, liema ġurija kellha tiddeċiedi dwar il-vertanza tax-xhieda ta' Melvin Theuma fid-dawl tal-atti kollha tal-kawża. Dan b'kuntrast mal-każ odjern, fejn is-siltiet preżentati fl-atti ta' din il-kawża kienu siltiet magħżulin mill-appellant, illi kienu jirrelataw kollha ma' dak li qal Melvin Theuma, imma l-kontenut tagħhom kellu jiġi studjat fil-kompletezza tal-provi li kien hemm fl-atti;

16. Il-Kummissarju tal-Pulizija jsostni wkoll illi l-Ewwel Qorti apprezzat id-differenza bejn ir-reati ta' sperġur u ġurament falz, u kellha raġun meta qablet mad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija illi sabiex jiġi determinat jekk xhud kienx qiegħed jgħid il-verita' jew le kien importanti li x-xhieda tiegħu tiġi studjata fil-kuntest tal-provi kollha in atti. Jgħid ukoll illi l-Ewwel Qorti kellha wkoll raġun meta qalet illi x-xhud Theuma jista' permezz ta' ritrattazzjoni jew korrezzjoni ibiddel jew ivarja mix-xhieda tiegħu stess mogħtija fl-istruttorja, stante illi x-xhieda ta' Melvin Theuma fl-istruttorja hemm ċans illi tiġi retratta fiċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u huma l-ġurati li ser ikollhom din il-possibilita' li jaraw il-kompletezza tal-każ miġbura bil-provi kollha quddiemhom u jikkomparaw ix-xhieda li ta Melvin Theuma fid-dawl tal-provi kollha tal-każ.

## D. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-Aggravju tal-Appellant</u>

17. Fl-ewwel lok din il-Qorti tfakkar illi **l-appell odjern sejjer jirrigwarda biss it-talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu passi kontra Melvin Tehuma għar-reat ta' ġurament falz kontemplat fl-Artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali**, stante illi, b'ammissjoni tal-appellant sfidant stess, l-appell mhux qiegħed isir fir-rigward tal-parti tad-deċiżjoni fejn il-Qorti ddisponiet mill-vertenza konnessa mal-Artikoli 104 u 105 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

18. L-Artikolu 541 tal-Kap 9, illi a bażi tiegħu tressaq ir-Rikors Ġuramentat tas-sbatax (17) ta' Novembru 2021 mill-appellant sfidant, jipprovdi illi:

> *(1) Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li prima facie hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk:*

19. Ġie rilevat fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija***[2]:

> *i. Il-procedura hekk imsejha "tac-challenge" kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali hi, f'certu sens, procedura straordinarja. Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment wahda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-kazijiet kollha hlief f'dawk il-kazijiet fejn hi mehtiega l-*

[1] Vide para 5 f'paġna 3 tar-rikors promotur, a fol 3 tal-proċess
[2] Nru 2/2003, Qorti Kriminali, S.T.O. Prim'Imħallef Emeritu V De Gaetano, 3 ta' Novembru 2003

*kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi espressament thalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-procedura tac-challenge – li ma tapplikax ghal kontravvenzjonijiet jew ghal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata – trid ghalhekk tigi applikata b'mod rigoruz ghal dawk il-kazijiet biss li trid il-ligi u fit-termini li trid il-ligi.*

*ii. L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jaghmilha cara li huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu koncess li jkun hemm l-intervent gudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx trid tagixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti specifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li ddenunzjant jew minn jaghmel ir-rapport jew il-kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Magistrat skond l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruhhu mad-diversi rekwiziti procedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Din il-Qorti tifhem li dan ir-reat ma hemmx ghalfejn jigi specifikat bl-isem tekniku tieghu; huwa bizzejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirrizulta car liema reat qed jigi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tieghu il-kwerelant jitlob li jittiehdu passi.*

In oltre, hekk kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti, ġie ritenut ukoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Dr Lynn Zahra vs Kummissarju tal-Pulizija***[3] illi, *"L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-Qorti tal-Maġistrati twettaq forma ta' "judicial review" fuq l-operat tal-Pulizija meta, fil-każijiet kongruwi, ma tipproċedix bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali minkejja n-notitia criminis*

[3] Nru 1/2015, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġ illum Onor Imħ A M Bugeja, 22 ta' Settembru 2015

*magħmula lilha."* L-istess ingħad ukoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Kummissarju tal-Pulizija***[4], fejn il-Qorti kompliet tispjega:

> *Il-livell ta' suffiċjenza probatorja provdut mill-Liġi stess lill-Qorti tal-Maġistrati f'dawn il-każijiet huwa li prima faciae jkun hemm bażi għall-prosegwiment tal-azzjoni penali. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li hemm prima faciae lok li tinbeda l-azzjoni penali kontra l-persuna inkriminanda allura tordna lill-Pulizija sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni. Jiġifieri wieħed mill-eżamijiet li trid tagħmel dil-Qorti, (jekk mhux ukoll it-test prinċipali f'din il-proċedura) huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċizjoni tagħha ta' inerzja konsegwenti n-notitia criminis fuq raġunijiet ġustifikati jew le.*
>
> *Dan l-eżami ta' sindakar da parti tal-Qorti almenu jeħtieġ*
>
> *(i) skrutinju tal-elementi fil-pussess tal-Pulizija u li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u*
>
> *(ii) tara jekk sal-grad prima faciae din id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kienetx ġustifikata jew le.*

Dwar dak illi huwa l-grad ta' prova *prima facie*, intqal fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giovanni Calcaterra***[5] illi deċiżjoni fuq bażi *prima facie "ma jfissirx li d-deċiżjoni hija waħda "superfiċjali""*, iżda illi *"l-elementi* ***<u>kollha</u>*** *tar-reat/i kontestati jkunu jirriżultaw imqar fuq bażi ta' probabbilita'"*.

---

[4] Nru 1/2016, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġ illum Onor Imħ A M Bugeja, 22 ta' Frar 2016

[5] Nru 1187/2013, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġ illum Onor Imħ A Bugeja, 18 ta' Diċembru 2013

Qalet ukoll il-Qorti f'***Zahra*** suriferita, *"Dan ifisser ukoll li l-grad ta' prima faciae jistrieħ fuq livell ta' konvinċiment u suffiċjenza probatorja aktar baxx minn dak meħtieġ minn min irid jiġġudika l-fatti sabiex ikun jista jsib ħtija, u kif intqal fis-sentenza hawn fuq imsemmija in re Xuereb, jistrieħ fuq livell bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli – u dipendenti fuq jekk il-Qorti tqisx li hemm provi biżżejjed li kien jistħoqqilhom aktar investigazzjoni. Dan japplika ukoll u għalhekk b'mod partikolari għall-proċedura taħt l-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali bħal dik in diżamina."*

20. L-Artikolu 108 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirrendi reat, *"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament"*. Huwa paċifiku u mhux kontestat illi fil-każ ta' ġurament falz meħud f'Inkjesta Maġisterjali, huwa l-Artikolu 108 illi japplika, u mhux l-Artikoli 104 u 105 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta[6];

21. Fil-kwerela tar-rikorrent datata tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021[7], l-appellant sfidant jgħid:

    *4. Illi jirriżulta li:*

    *a. Dak li jistqarr bil-ġurament fl-Inkjesta Maġisterjali jikkontradixxi dak li jgħid bil-ġurament fil-proċessi kriminali fuq ċitati; u*

    *b. Dak mistqarr minn Melvin Theuma bil-ġurament manifestament jikkuntrasta ma' dak li jinstema' jistqarr fir-recordings tiegħu stess; u*

---

[6] Vide, *inter alia*, ***Il-Pulizija vs Jason Azzopardi et***, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġ J Mifsud, 25 ta' Frar 2020: *"[L]-akkuża taħt l-artikolu 108 tissussisti biss f'dawk l-eventwalitajiet fejn persuna jkun xehed bil-ġurament mhux fi proċeduri kriminali fejn effettivament hemm 'criminal charge', iżda fi proċeduri oħra, bħal per eżempju f'inkjesta maġisterjali."*
[7] Annessa mar-rikors tas-17 ta' Novembru 2021 bħala **Dok A**

c. *Melvin Theuma qiegħed iħawwad fix-xhieda tiegħu u ma huwiex qiegħed jgħid il-verita', il-verita' kollha u xejn ħlief il-verita' dwar dak li jaf fuq l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia;*[8]

22. Jirriżulta għalhekk lil din il-Qorti illi effettivament, l-allegazzjoni illi qiegħed jagħmel l-appellant sfidant hija bbażata fuq kuntrast illi huwa għamel bejn dak illi xehed Melvin Theuma fl-Inkjesta Maġisterjali u dak illi xehed bil-ġurament fil-proċessi kriminali. Ikkunsidrat dan, din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi huwa minnu illi l-Inkjesta Maġisterjali m'hijiex ikkunsidrata bħala *kawża* jew *proċedura kriminali*, u huwa għalhekk applikabbli għaliha l-Artikolu 108, mhux l-istess jista' jingħad għall-proċessi kriminali illi fihom tressqet il-prova illi, fil-fehma tar-rikorrent, ixxejjen, tinnega u/jew tikkuntrasta l-prova mressqa fl-Inkjesta Maġisterjali;

23. L-argument tal-Kummissarju tal-Pulizija appellat huwa illi Melvin Theuma għad għandu l-possibilita' ta' ritrattazzjoni jew korrezzjoni tax-xhieda minnu mogħtija fl-Istruttorja, u għaldaqstant kwalsiasi proċeduri meħuda fil-konfront ta' Melvin Theuma f'dan l-istadju jkunu prematuri. Huwa minnu illi, hekk kif isostni r-rikorrent,

> *[R]-"retraction" tista' issir biss waqt li tali proceduri kriminali ghadhom ghaddejjin biex jigi evitat xi dannu jew hsara rreparabbli. Fir-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1), dak tal-gurament falz, ghad ma hemmx l-istadju tal-proceduri kriminali in ezistenza, u ghalhekk, gja' la darba hu wiehed mir-rekwiziti essenzjali tar-"retraction" li din issir waqt proceduri kriminali w qabel ma dawn jigu decizi, allura, isegwi logikament li din id-duttrina ta' "retraction" ma tistghax* (sic) *tapplika f'dawk il-kazijiet li jinkwadraw ruhom fl-imsemmi dispost ta' dan l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9. Ir-"retraction" ma tapplikax, per*

[8] Ibid, paġna 2 tal-kwerela

> *ezempju, fil-kaz ta'gurament falz mehud waqt xi Inkjesta Magisterjali.*[9]

Madanakollu, ir-*retraction* tapplika għall-prova illi r-rikorrent jikkontendi illi tikkontrasta l-prova ammessa fl-Inkjesta Maġisterjali, b'dana illi gialadarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, għad hemm lok u ċans illi Melvin Theuma jerġa' lura minn kwalunkwe xhieda falza illi seta' ta fil-proċeduri fl-Istruttorja, jekk effettivament huwa xehed falz fil-proċeduri kriminali, u/jew jikkoreġi l-istess, anke in kontro-eżami;

24. Detto l-premess, din il-Qorti tirrikonoxxi illi r-reat kontemplat mill-Artikolu 108 tal-Kap 9 huwa reat formali. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Patrick Filletti et***[10]:

> *Ir-reat in eżami* [cioe dak kontemplat mill-Artikolu 108] *huwa ovvjament reat formali. Ġie indubbjament kommess, bl-elementi kostituttivi tiegħu kollha, appena l-imputati, wara li kien ġie lilhom somministrat il-ġurament, għamlu dikjarazzjoni falza lill-perit tekniku. Ir-ritrattazzjoni tagħhom, aktar tard, ma ddisfatx il-fatt kostitwenti r-reat li kienu kkommettew, u ma naqqset ebda wieħed mill-elementi ta' dak ir-reat. Il-liġi ma tiddisponi xejn fis-sens tan-"newtralizzazzjoni" tar-reat f'każ ta' ritrattazzjoni. Din il-Qorti frankament ma tara ebda differenza bejn li tgħid li r-ritrattazzjoni tinnewtralizza r-reat tal-ġurament falz bil-konsegwenti liberazzjoni ta' min ikun ħalef il-falz, u li tgħid li r-restituzzjoni lil sidhom ta' l-oġġetti misruqin tinnewtralizza r-reat tas-serq bil-konsegwenti liberazzjoni tal-ħalliel;*

---

[9] Appell Nru 128/2001, ***Il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif***, Qorti tal-Appell Kriminali, Imħ Onor P Vella, 22 t'Ottubru 2001

[10] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imħ V Caruana Colombo, 24 ta' Novembru 1992 (Vol LXXVI.v.834)

Madanakollu, din il-Qorti tifhem ukoll l-esitazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija illi jressaq proċeduri kriminali fil-konfront ta' Melvin Theuma fi stadju meta għadhom qed jitressqu provi fil-proċeduri kriminali, għadu jrid isir il-kontro-eżami ta' Melvin Theuma fil-proċeduri kriminali illi fihom xehed, u għadu mhux possibbli illi wieħed jara l-każ komplet bil-provi kollha quddiemu;

25. Hekk kif intqal minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza reċentement mogħtija fl-ismijiet ***Anna Vassallo vs Kummissarju tal-Pulizija***[11], *"Din il-Qorti ma tistax talloka l-grad ta' prima facie għal dak illi huwa possibbli jew suspettuż."* Huwa minnu illi mill-brani ċitati mill-appellant sfidant fil-kwerela u mill-provi in atti, huwa kemmxejn suspettuż il-fatt illi x-xhieda bil-ġurament mogħtija minn Melvin Theuma fl-Inkjesta Maġisterjali u l-provi prodotti fl-Istruttorja jidher illi huma kuntrastanti; u huwa minnu illi hemm possibilita' illi Melvin Theuma ħa ġurament falz quddiem il-Maġistrat Inkwerenti; madanakollu, din il-Qorti ma tqisx illi jkun għaqli illi l-Kummissarju tal-Pulizija jieħu passi kriminali a bażi ta' (a) prova mressqa fi proċeduri illi għadha mhijiex konklussiva, u (b) prova illi tressqet quddiem din il-Qorti u quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija in isolament, separatament mill-kuntest tal-provi kollha tal-każ. Tqis ukoll illi kien ġustifikat il-Kummissarju tal-Pulizija illi ma jmexxix kriminalment fil-konfront ta' Theuma f'dan l-istadju;

26. Din il-Qorti għalhekk tikkondividi l-ħsieb tal-Ewwel Qorti meta, fid-deċiżjoni appellata, qalet, *"Illi filwaqt li l-isfidant għandu kull dritt li jressaq id-difiża tiegħu kif jixtieq u jiddikjara li Melvin Theuma mhuiex* (sic) *kredibli jew addirittura mhuiex* (sic) *qed jgħid il-verita', il-forum apropożitu f'dan l-istadju huwa quddiem il-ġurija fil-Qorti Kriminali li għad trid tisma' l-provi kollha u li hi biss ser jkollha aċċess għal provi kollha tal-każ għaliex f'dan l-istadju huwa prematur sabiex jiġi determinat jekk hemmx sperġur jew le kemm fl-inkjesta kif ukoll waqt il-kumpilazzjoni dwar l-istess a bażi tad-dokumenti*

[11] Sfida Nru 3/2023, Qorti Kriminali, Onor Imħ N Camilleri, 29 ta' Frar 2024

*limitati indikati. Oltre dan, u dan kif ukoll saħaq il-Kummissarju tal-Pulizija, l-isfidant qatt ma kien għamel il-kontro-eżami ta' Melvin Theuma u kemm il-darba għandu jerġa' jixhed l-istess Melvin Theuma jista' permezz ta' ritrattazzjoni jew korrezzjoni ibiddel jew ivarja parti mix-xhieda tiegħu stess."*[12]

27. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn hija għandha tiddipartixxi mir-raġunament milħuq mill-Ewwel Qorti, u hija tal-fehma illi l-appell tal-appellant sfidant għandu jiġi miċħud.

**Decide**

28. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mir-rikorrent sfidant appellant Yorgen Fenech, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**

[12] Paġna 25 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti